**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 20 ta' Jannar 2020**

**Talba numru 298/2019SFJ**

***OzoProperty Limited (C76991) bħala amministratur tal-kondominju Blue Haven, Triq il-Barrieri, Żurrieq***

***vs.***

***Frantisek Kolpasky***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-9 ta' Ottubru 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ippremettiet u talbet:

- Illi l-konvenut huwa s-sid tal-appartament C2 fi Blokk A formanti parti mill-kondominju *Blue Haven* fi Triq il-Barrieri, Żurrieq.

- Illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' tmien mija u tlieta u erbgħin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€843.46) maqsumin hekk:

    - €240 bħala kontribuzzjoni dovuta mill-konvenut li tkopri s-sena 2017 sa 2018;
    - €254 bħala kontribuzzjoni dovuta mill-konvenut li tkopri s-sena 2018 sa 2019;
    - €272 bħala kontribuzzjoni dovuta mill-konvenut li tkopri s-sena 2019 sa 2020;
    - €30.46 bħala s-sehem dovut mill-konvenut rigward il-manutenzjoni tal-*lift* tal-Blokk A;
    - €37.00 bħala s-sehem dovut mill-konvenut għat-tiswijiet li saru fuq il-*lift* tal-Blokk A;
    - €10.00 bħala s-sehem dovut mill-konvenut għal spejjeż legali inkorsi minn Blokk A.

- Illi l-kontribuzzjonijiet imsemmija huma kollha abbażi tad-deċiżjonijiet meħuda waqt laqgħat tas-sidien tal-kondominju relattiv.

- Illi l-konvenut ġie interpellat bosta drabi iżda baqa' inadempjenti.

- Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 1538/2019 u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiż kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut ġie debitament innotifikat bl-Avviż tat-Talba nhar l-1 ta' Novembru 2019 kif jidher mir-riferta relattiva datata 4 ta' Novembru 2019.

Ra li l-konvenut ma deherx għall-udjenza tat-18 ta' Novembru 2019 u lanqas deher għall-udjenza tal-25 ta' Novembru 2019.

Ra li l-konvenut ma ppreżenta ebda Risposta u lanqas għamel xi sottomissjoni kwalsiasi.

Ra l-kapitolu ippreżentat mis-soċjetà attriċi fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi riedet tipprova, bil-ġurament tal-konvenut, li l-istess konvenut huwa debitur tas-soċjetà attriċi fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-20 ta' Jannar 2020.

Ra li fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2020 il-konvenut reġa' ma deherx.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li t-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut u jqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u b'hekk jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmien mija u tlieta u erbgħin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€843.46) bl-imgħaxijiet kif mitluba skont l-Avviż tat-Talba kif ukoll l-ispejjeż konnessi mal-ittra uffiċjali numru 1538/2019.

It-Tribunal jordna li l-imgħaxijiet relattivi għandhom jiġu ikkalkulati mid-data meta l-ammont relattiv kien dovut, sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**